

Ieqaf. Aħseb. Ikkonnettja. Jibda x-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà tal-2018

Is-sitt edizzjoni tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà (ECSM) jibda illum fl-UE kollha. L-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, l-ENISA, il-Kummissjoni Ewropea u aktar minn 200 msieħba minn madwar l-Ewropa kollha se jmexxu din il-kampanja matul ix-xahar kollu ta' Ottubru.

L-ECSM hija l-kampanja ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea ddedikata għall-promozzjoni taċ-ċibersigurtà fost iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet, li tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar is-sigurtà permezz tal-edukazzjoni u l-qsam tal-aħjar prattiki.

Ix-xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà tal-2018 jiffoka fuq erba' temi, b'kull waħda tikkorrispondi ma' ġimgħa partikolari f'Ottubru:

- Ġimgħa 1 – mill-1 sas-7 ta' Ottubru: "Prattika bażiċi ta' iġjene ċibernetika";
- Ġimgħa 2 – mit-8 sal-14 ta' Ottubru: "Espansjoni tal-ħiliet u l-edukazzjoni diġitali tiegħek";
- Ġimgħa 3 – mill-15 sal-21 ta' Ottubru: "Aġraf is-Cyber Scams";
- Ġimgħa 4 – mit-22 sat-28 ta' Ottubru: "Teknoloġiji emerġenti u l-privatezza".

Aktar minn 400 attività bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, sessjonijiet ta' taħriġ, preżentazzjonijiet ġenerali għall-utenti, webinars, kampanji online u ħafna aktar se jiġu organizzati fl-Ewropa matul ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà biex jipromwovu s-sikurezza online. L-ENISA, il-Kummissjoni Ewropea – id-DĠ CONNECT u l-Istati Membri llum se joħorġu **filmat** b'messaġġi minn esperti ewlenin minn madwar l-Ewropa biex jissensibilizzaw il-pubbliku dwar din il-kampanja.

Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għas-Suq Uniku Diġitali, Andrus Ansip, qal: "Is-soċjetà u l-ekonomija diġitali tagħna jistgħu jiffjorixxu biss jekk ikun hemm biżżejjed fiduċja, u dan jitlob kapaċitajiet b'saħħithom taċ-ċibersigurtà; kemm teknoloġiċi kif ukoll umani u legali. Din hija kwistjoni ta' tħassib għal medda wiesgħa ta' atturi li huma fil-mira tal-kampanja tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà, li jvarjaw minn professjonisti tas-sigurtà saċ-ċittadini".

Il-Kummissarju għall-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, Mariya Gabriel, żiedet: "Iċ-ċibersigurtà hija sfida kif ukoll opportunità għall-Ewropa. Aktar ma' nsiru b'saħħitna fil-prevenzjoni tat-theddid ċibernetiku, ikun aħjar għall-kompetittività tan-negozji tagħna u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna. Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà verament jenfasizza li kulħadd għandu responsabilità li jikkontribwixxi għal Suq Uniku Diġitali sigur".

Id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA, Prof. Udo Helmreich, qal: "L-ispejjeż tal-ħsarat mir-ransomware globali kienu previsti li sal-2019 jaqbuż l- $\$11.5$ -il biljun fis-sena, il-firxa umana vulnerabbli għall-attakki mistennija li tilħaq is-6 biljun persuna sal-2022, u madankollu l-għadd ta' impjegji vakanti fiċ-ċibersigurtà mistenni li jittrippla, skont **Cybersecurity Ventures**. Dan huwa għawġ kbir. L-ECSM inħoloq biex ifixkel dawn ix-xejriet billi jqajjem kuxjenza dwar it-theddid għaċ-ċibersigurtà u jipprovdi soluzzjonijiet lill-organizzazzjonijiet u liċ-ċittadini."

Is-sit web uffiċjali tal-kampanja huwa www.cybersecuritymonth.eu. Hemmhekk l-utenti jistgħu jsibu bosta ideat u pariri bi 23 lingwa tal-UE, jikkonsultaw materjal li jkabbar is-sensibilizzazzjoni u jaċċessaw ir-repożitorju tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà tal-koordinaturi fl-Istati Membri kollha. Biex jittestjaw l-għarfien tagħhom, jistgħu wkoll jieħdu sehem fil-**kwizz online aġġornat dwar iċ-ċibersigurtà**. Is-sit web tagħna fih ukoll **mappa interattiva**, li biha dak li jkun jista' jiskopri x'attivitajiet huma organizzati f'kull belt.

It-tema ta' din il-ġimgħa hija "Prattiki bażiċi ta' iġjene ċibernetika". Hija tfittex li tassisti lill-pubbliku fl-istabbiliment u ż-żamma ta' rutini ta' kuljum, kontrolli u mġiba ġenerali meħtieġa biex jibqa' sikur fuq l-internet.

Il-kuntest Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà jorganizzawh l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni. L-ENISA, il-Kummissjoni Ewropea u aktar minn 300 **sieħeb** (awtoritajiet lokali, gvernijiet, universitajiet, gruppi tal-ħassieba, NGOs u assoċjazzjonijiet professjonali) minn madwar l-Ewropa kollha.

"Iċ-ċibersigurtà hija r-responsabbiltà ta' kulħadd – leqaf. Aħseb. Aqbad mal-internet."
Segwi l-kampanja fuq it-Twitter [@CyberSecMonth](https://twitter.com/CyberSecMonth) u uża l-hashtags [#CyberSecMonth](https://twitter.com/CyberSecMonth), [#OctoberNIS](https://twitter.com/OctoberNIS), u [#CyberAware](https://twitter.com/CyberAware).